**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrate Dr. Doreen Clarke LL.D.**

**Illum, 10 ta' Novembru 2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Karl Roberts)**
**vs**
**Abdu Hassan**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Abdu Hassan mwieled 13 ta' Jannar 1989 ta' Nazzjonalita Libjana, iben Hassan u Khadeja detentur tan-numru tal-Pulizija 19NN-037

Akkuzat talli fid-9 ta' Jannar 2020 u jew fil- jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-gzejjer;

1. Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'passaporti, jew uża jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport, li hu kien jaf li ġew iffalsifikati, imbiddla jew li sar xi tibdil;

2. Kif ukoll talli xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra iffalsifikati:

3. Kif ukoll mingħajr awtorità leġittima uża jew kellu, fil-pussess tieghu xi dokumenti, meħtieġ għall-finijiet ta' dan l-Att li jkun falsifikat skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunisdrat

Illi l-imputat ammett l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali netta tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(f) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta,  fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRATE**